MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 140/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Albert Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Vella talli fl-10 ta' Settembru 2004, ghall-habta tad-9:45 a.m., fi triq il-Wied, Msida, saq vettura nru. GAU – 972;

1) b'manjiera traskurata;
2) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura Nru. GVH – 272 u

nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta (Dept. of Health).

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsermmi Albert Vella mill-imputazzjonijiet imsemmija peress illi kien iddekorra l-perijodu preskrittiv;
Rat ir - rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-6 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-azzjoni kontra l-appellat tinsab preskritta. L-appellant isostni li z-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat huma preskritti b'sentejn u mhux tliet xhur, u bejn id-data li fiha allegatament sehhew ir-reati in kwistjoni u d-data tas-sentenza stess lanqas kienu ghaddew sentejn.

L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija li saq vettura b'manjiera traskurata, dan bi ksur tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 tal-Kap. 65. Skond l-imsemmi subartikolu, kull min jinsab hati ta' sewqan traskurat jehel "il-piena tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur".

It-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija dik li kkaguna hsara involontarja fuq vettura tal-Gvern ta' Malta, dan bi ksur ta' l-artikolu 328 tal-Kap. 9. Fil-kaz in ezami, jidher li l-piena applikabbli hija dik imsemmija fil-paragrafu (d) ta' l-istess artikolu 328 tal-Kap.9, cioe` "il-piena ta'

prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet".

Huwa ghalhekk ovvju li fiz-zewg kazijiet, il-perijodu preskrittiv huwa dak ta' sentejn skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kap. 9. Hemm insibu li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni "bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet".

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-reati addebitati lill-appellat graw fl-10 ta' Settembru 2004. Ghalhekk meta l-appellat deher ghall-ewwel seduta fid-19 ta' April 2005 u nghatat is-sentenza appellata, kienu ghaddew biss ftit aktar minn seba' xhur. Jigifieri, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni <u>ma kinitx</u> preskritta.
Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tipprocedi bis-smiegh u decizjoni tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------